

ANNEX I

SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT

1. ISEM IL-PRODOTT MEDIĊINALI

Sibnaya 8 mEq bċejjeċ żgħar li jerġu l-mediċina bil-mod
Sibnaya 24 mEq bċejjeċ żgħar li jerġu l-mediċina bil-mod

2. GĦAMLA KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Sibnaya 8 mEq bċejjeċ żgħar li jerġu l-mediċina bil-mod

Qartas wieħed fih 282 mg ta' ċitrat tal-potassju u 527 mg ta' karbonat idroġenat tal-potassju.
Dan jikkorrispondi għal 7.9 mEq ta' alkali (jiġifieri 2.6 mEq ta' ċitrat u 5.3 mEq ta' karbonat tal-idroġenu) u għal 7.9 mEq ta' potassju (jiġifieri 308 mg ta' potassju).

Sibnaya 24 mEq bċejjeċ żgħar li jerġu l-mediċina bil-mod

Qartas wieħed fih 847 mg ta' ċitrat tal-potassju u 1,582 mg ta' karbonat idroġenat tal-potassju.
Dan jikkorrispondi għal 23.6 mEq ta' alkali (jiġifieri 7.8 mEq ta' ċitrat u 15.8 mEq ta' karbonat tal-idroġenu) u għal 23.6 mEq ta' potassju (jiġifieri 924 mg ta' potassju).

Għal-lista sħiħa ta' eċċipjenti, ara sezzjoni 6.1.

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Biċċa żgħira li terġi l-mediċina bil-mod

Ħadra (ċitrat tal-potassju) u bajda (karbonat idroġenat tal-potassju), bikonvessa, dijametru ta' 2 mm.

4. TAGĦRIF KLINIKU

4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi

Sibnaya huwa indikat għat-trattament ta' aċidożi tubulari renali distali (dRTA) f'adulti, fl-adolesxenti u fit-tfal minn età ta' sena u aktar.

4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata

Pożoloġija

Id-dożaġġ huwa bbażat fuq l-età u l-piż.

Meta tinbeda t-terapija alkalizzanti, għandha tintuża d-doża tal-bidu ta' kuljum fil-mira indikata hawn taħt għal kull grupp ta' età u tiġi ttitrata b'mod inkriminali biex tinkiseb l-aħjar doża li tipprovdi kontroll metaboliku adegwat tal-aċidożi abbażi tal-livelli tal-bikarbonat fil-plażma.

- Adulti: bidu ta' 1 mEq/kg/jum, b'żieda/tnaqqis inkriminali massima/u ta' 0.5 mEq/kg/jum sal-aħjar doża
- Adoloxxenti minn 12-il sena: bidu ta' 1 mEq/kg/jum, b'żieda/tnaqqis inkriminali massima/u ta' 1.0 mEq/kg/jum sal-aħjar doża
- Tfal minn 4 snin sa 11-il sena inklużivi: bidu ta' 2 mEq/kg/jum, b'żieda/tnaqqis inkriminali massima/u ta' 1.5 mEq/kg/jum sal-aħjar doża
- Tfal minn sena sa 3 snin inklużivi: bidu ta' 4 mEq/kg/jum, b'żieda/tnaqqis inkriminali massima/u ta' 1.5 mEq/kg/jum sal-aħjar doża

Meta teqleb minn terapija alkalizzanti oħra għal Sibnaya, it-trattament għandu jinbeda bid-doża fil-mira użata mat-terapija preċedenti (b'mEq/kg/jum) u, fejn ikun meħtieġ, għandha tiġi ttitrata kif deskritt hawn fuq.

Id-doża massima, irrispettivament mill-grupp ta' età, hija ta' jew 10 mEq/kg/jum jew doża totali ta' kuljum ta' 336 mEq, skont liema tkun aktar baxxa.

Id-doża totali ta' kuljum għandha tingħata f' darbtejn. Għal kull pazjent individwali, l-eqreb doża għad-doża fil-mira għandha tiġi determinata billi jiġu kkombinati qratas sħaħ taż-żewġ qawwiet disponibbli.

F'każ ta' rimettar fi żmien sagħtejn wara t-teħid, il-pazjent għandu jieħu doża oħra. L-użu ta' din il-mediċina jeħtieġ superviżjoni medika.

Popolazzjonijiet speċjali

L-anzjani

M'hemmx bżonn ta' aġġustament tad-doża.

Indeboliment tal-kliwi

Sibnaya għandu jintuża biss f'individwi b'rata ta' filtrazzjoni glomerulari (GFR) ta' > 44 mL/min/1.73m². Għal individwi b'GFR bejn 45 u 59 mL/min/1.73m² Sibnaya għandu jintuża biss jekk il-benefiċċji potenzjali jitqiesu li jegħlbu r-riskji potenzjali (ara Tabella 1).

Tabella 1: Rakkomandazzjonijiet għad-dożaġġ f'individwi b'indeboliment tal-kliwi

GFR mL/min/1.73m²	Trattament ta' dRTA
45-59	<ul style="list-style-type: none"> • Livelli tal-potassju fil-plażma fil-meded normali: Huwa meħtieġ monitoraġġ regolari tal-parametri tal-funzjoni tal-kliwi u tal-livelli tal-potassju fid-demem mad-doża tal-bidu u wara żieda fid-doża l-għdida jew jekk ikun hemm xi tnaqqis tal-GFR. Imbagħad il-frekwenza tkun skont il-kriterji tat-tobba, iżda mill-inqas darbtejn fis-sena (ara sezzjoni 4.4).
	<ul style="list-style-type: none"> • Livell għoli tal-potassju fil-plażma: Kontraindikati
≤ 44	Kontraindikati

Indeboliment tal-fwied

M'hemmx bżonn ta' aġġustament speċifiku tad-doża tal-bidu ta' kuljum fil-mira f'pazjenti b'indeboliment tal-fwied.

Popolazzjoni pedjatrika

Is-sigurtà u l-effikaċja ta' Sibnaya fi tfal taħt l-età ta' sena ma ġewx determinati. M'hemmx l-ebda *data* disponibbli.

Metodu ta' kif għandu jinġhata

Għal użu orali.

Id-doża totali ta' kuljum tingħata darbtejn kuljum, ġeneralment tmax-il siegħa 'l bogħod minn xulxin.

Sibnaya għandu jittieħed mill-ħalq, billi jinbela' ma' tazza ilma kbira.

Id-doża sħiħa ta' bċejjeċ żgħar għal kull teħid tista' tinbela' f'diversi porzjonijiet iżgħar jekk ikun meħtieġ, iżda l-kontenut ta' kull qartas għandu jittieħed kollu.
Id-dożi għandhom jittieħdu preferibbilment mal-ikel.

Għal pazjenti li ma jistgħux jibilgħu bċejjeċ żgħar kif deskritt hawn fuq, il-bċejjeċ żgħar jistgħu jitħalltu (mingħajr ma jifarrku) ma' ammonti żgħar ta' ikel artab (eż. puree tal-frott, jogurt). It-taħlita ta' Sibnaya ma' ikel artab għandha tintuża immedjatament u ma tistax tinħażen. It-taħlita għandha tinbela' mingħajr ma wieħed jomgħodha. Għandha tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat li Sibnaya ma jinżammx fil-ħalq.

Fl-ebda każ il-bċejjeċ żgħar m'għandhom jitħalltu ma' ikel jaħraq, likwidu jaħraq jew alkoħol jew jintmagħdu jew jifarrku peress li dan jista' jfixkel il-proprietajiet ta' rilaxx fit-tul tagħhom u jista' jwassal għal rilaxx kbir f'daqqa ta' aġent alkalizzanti li jista' jaffettwa l-effikaċja u s-sigurtà tal-prodott (ara sezzjoni 5.2).

Il-bċejjeċ żgħar ta' Sibnaya mhumiex adatti għall-ġhoti permezz ta' tubi għat-tmiġħ tal-ikel minħabba riskju għoli li t-tubi jiġu ostakolati.

4.3 Kontraindikazzjonijiet

Sensittività eċċessiva għas-sustanzi attivi jew għal kwalunkwe sustanza mhux attiva elenkata fis-sezzjoni 6.1.

Indeboliment tal-kliewi b'GFR ta' ≤ 44 mL/min/1.73m².

Iperkalemija.

4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu

Iperkalemija u kardjotossiċità

Sibnaya għandu jintuża b'kawtela f'pazjenti li għandhom kundizzjonijiet li jippreddisponuhom għall-iperkalemija, bħal indeboliment tal-kliewi, jew is-sindrome crush, peress li żieda ulterjuri fil-potassju fil-plażma tista' twassal għal waqfien tal-qalb. Huwa meħtieġ monitoraġġ mill-qrib tal-potassju fil-plażma f'pazjenti f'riskju mad-doża tal-bidu u wara żieda ġdida fid-doża jew f'każ ta' aggravar tal-marda li teżisti minn qabel. Imbagħad il-frekwenza tkun skont il-kriterji tat-tobba, iżda mill-inqas darbtejn fis-sena.

Sibnaya għandu jintuża b'kawtela f'każ ta' kombinazzjoni ma' prodotti oħrajn li jżidu l-potassju fil-plażma jew li jippreddisponu għal disritmija kardijaka (ara sezzjoni 4.5).

Disturbi gastrointestinali

Sibnaya għandu jintuża b'kawtela f'pazjenti li jkollhom disturbi gastrointestinali peress li dawn jistgħu jaffettwaw l-effikaċja u s-sigurtà, bħal assorbiment ħażin, dewmien biex jitbattal l-istonku, dijarea, nawżja, rimettar.

F'każijiet bħal dawn, il-livelli tal-bikarbonat fid-demm għandhom jiġu mmonitorati regolarment u d-doża għandha tiġi aġġustata biex tinżamm f'meded normali.

Il-matriċi tal-bċejjeċ żgħar tista' tinstab fl-ippurgar, li ma jaffettwax l-effikaċja jew is-sigurtà ta' Sibnaya.

Insuffiċjenza tal-kliewi

Sibnaya għandu jintuża biss f'individwi b'rata ta' filtrazzjoni glomerulari (GFR) ta' > 44 mL/min/1.73m². Għal individwi b'GFR bejn 45 u 59 mL/min/1.73m² Sibnaya għandu jintuża

biss jekk il-benefiċċji potenzjali jitqiesu li jegħlbu r-riskji potenzjali. Għal dawn il-pazjenti d-dożi għandhom jiġu aġġustati permezz ta' monitoraġġ regolari tal-bikarbonat u l-potassju fil-plażma (ara sezzjoni 4.2). Għandha tingħata attenzjoni speċjali lil persuni anzjani li fihom il-funzjoni tal-kliwi tista' tkun imnaqqsa.

Kontenut tal-potassju

Sibnaya 8 mEq fih 308 mg ta' potassju f'kull qartas. Dan għandu jitqies jekk il-pazjent ikollu tnaqqis fil-funzjoni tal-kliwi jew jekk il-pazjent qed jikkontrolla l-ammont ta' potassju li jieħu fid-dieta.

Sibnaya 24 mEq fih 924 mg ta' potassju f'kull qartas. Dan għandu jitqies jekk il-pazjent ikollu tnaqqis fil-funzjoni tal-kliwi jew jekk il-pazjent qed jikkontrolla l-ammont ta' potassju li jieħu fid-dieta.

4.5 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra u forom oħra ta' interazzjoni

Ma twettaq l-ebda studju ta' interazzjoni.

Prodotti mediċinali li jistgħu jżidu l-potassju fil-plażma jew jinduċu l-iperkalemija

L-użu fl-istess ħin ta' Sibnaya ma' prodotti mediċinali li jistgħu jżidu l-livelli tal-potassju jew jinduċu l-iperkalemija (eż. inibituri tal-ACE, diuretici li ma jneħħu il-potassju, supplimenti tal-potassju, sostituti tal-melħ li fihom il-potassju, ciclosporin jew prodotti mediċinali oħra bħal sodju tal-eparina jew prodotti mediċinali antinfjammatorji nonsteroidali) jeħtieġ monitoraġġ tal-livelli tal-potassju fil-plażma (ara sezzjoni 4.4).

Prodotti mediċinali affettwati minn disturbi tal-potassju fil-plażma

Huwa rakkomandat monitoraġġ perjodiku tal-potassju fil-plażma u ECG meta Sibnaya jingħata ma' prodotti mediċinali affettwati minn disturbi tal-potassju fil-plażma minħabba r-riskju potenzjali għal effett proaritmiku (eż. glikosidi digitalis, kortikosteroidi, antiaritmici bħal quinidine, amiodarone, chlorpromazine, cisapride jew sparfloxacin).

Prodotti mediċinali affettwati minn żieda fil-pH tal-urina

Pazjenti b'dRTA jkollhom urina alkalina minħabba d-difett fis-sekrezzjoni tal-proton. Dan jista' jkollu impatt fuq l-eliminazzjoni tal-prodott mediċinali fl-urina (bħal żieda fl-eliminazzjoni tas-saliċilati, tetraċiklini, u barbiturati u tnaqqis fl-eliminazzjoni ta' quinidine) jew inaqqas l-effikaċja tal-metenamina. Peress li Sibnaya jista' jkompli jżid il-pH tal-urina sa ċertu punt, l-interazzjoni tal-urina alkalina ma' dawn il-medikazzjonijiet tista' tissaħħaħ.

4.6 Fertilità, tqala u treddiġh

Tqala

M'hemmx *data* dwar l-użu ta' Sibnaya f'nisa tqal. Studji f'annimali ma urewx effetti diretti jew indiretti tossiċi fuq it-tqala, l-iżvilupp tal-embrijun/fetu, il-ħlas jew l-iżvilupp ta' wara t-twelid (ara sezzjoni 5.3).

Sibnaya għandu jintuża biss waqt it-tqala jekk il-benefiċċji mistennija jegħlbu r-riskji potenzjali. Għalkemm matul it-tqala u aktar minn hekk matul il-ħlas, hemm riskju akbar assoċjat ma' aċidożi u ipokalemija potenzjalment severi f'pazjenti b'dRTA milli bi trattament b'alkali, f'nisa bi problemi fit-tqala jista' jkun hemm riskju miżjud li jiżviluppaw iperkalemija meta t-teħid tal-potassju jkun għoli.

Treddiġh

Il-potassju jiġi eliminat mill-ħalib tas-sider tal-bniedem, iżda b'dożi terapewtiċi ta' Sibnaya mhu antiċipat l-ebda effett fuq it-trabi tat-twelid/trabi li jitreddiġu.

Sibnayaġ jista' jintuża waqt it-treddiġ.

Fertilità

Iċ-ċitrat tal-potassju u l-karbonat idroġenat tal-potassju mhumiex magħrufa li jaffettwaw il-fertilità.

4.7 Effetti fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni

Sibnayaġ m'għandu l-ebda effett jew ftit li xejn għandu effett fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni.

4.8 Effetti mhux mixtieqa

Sommarju tal-profil tas-sigurtà

L-aktar reazzjonijiet avversi rrapportati b'mod frekwenti huma uġiġħ addominali (14 %, komuni ħafna), uġiġħ addominali fil-parti ta' fuq (8 %, komuni) u uġiġħ gastrointestinali (2 %, komuni). In-nawżja (2 %, komuni) tista' tiġi esperjenzata fil-bidu tat-terapija.

Lista f'tabella ta' reazzjonijiet avversi

Il-lista ta' reazzjonijiet avversi hija bbażata fuq esperjenza fil-provi kliniċi.

Il-frekwenza tar-reazzjonijiet avversi hija definita bl-użu tal-konvenzjoni li ġejja: komuni ħafna ($\geq 1/10$); komuni ($\geq 1/100$ sa $< 1/10$); mhux komuni ($\geq 1/1,000$ sa $< 1/100$); rari ($\geq 1/10,000$ sa $< 1/1,000$); u rari ħafna ($< 1/10,000$).

Disturbi gastro-intestinali:

- uġiġħ addominali bħala komuni ħafna
- uġiġħ addominali fil-parti ta' fuq, dijarea, dispepsja, disturb gastrointestinali, uġiġħ gastrointestinali, nawżja u rimettar bħala komuni.

Deskrizzjoni ta' reazzjonijiet avversi magħżula

Disturbi gastrointestinali

L-uġiġħ gastrointestinali, l-uġiġħ addominali u l-uġiġħ addominali fil-parti ta' fuq kienu ġeneralment ta' intensità ħafifa jew moderata u fiequ fi żmien 24 siegħa mingħajr il-ħtieġa li jiġi mmodifikat jew jitwaqqaf it-ttrattament. Ir-reazzjonijiet avversi gastrointestinali l-oħra kollha (dispepsja, rimettar, dijarea) kienu wkoll ta' intensità ħafifa jew moderata, u fiequ fi żmien 1 sa 3 ijiem, mingħajr modifika jew interruzzjoni tat-ttrattament.

Popolazzjoni pedjatrika

Fil-provi kliniċi, għalkemm in-numri kienu żgħar, il-profil tas-sigurtà kien komparabbli f'pazjenti ttrattati għall-adulti (N= 16-il individwu b'saħħtu u 7 pazjenti b'dRTA) u għall-popolazzjoni pedjatrika (N=27, inklużivi 10 adolexxenti (ta' 12-17-il sena inklużivi), 14-il tifel/tifla (ta' 4-11-il sena inklużivi) u 3 trabi (ta' 6 xhur – 3 snin inklużivi)).

Rappurtar ta' reazzjonijiet avversi suspettati

Huwa importanti li jiġu rrapportati reazzjonijiet avversi suspettati wara l-awtorizzazzjoni tal-prodott mediċinali. Dan jippermetti monitoraġġ kontinwu tal-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju tal-prodott mediċinali. Il-professjonisti tal-kura tas-saħħa huma mitluba jirrapportaw kwalunkwe reazzjoni avversa suspettata permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali mniżżla f' [Appendiċi V](#).

4.9 Doża eċċessiva

Kien hemm rapporti ta' effetti lassattiv wara dożi orali eċċessivi ta' melħ alkalizzanti individwali.

It-teħid massiv akut tal-potassju jista' jikkawża iperkalemija li tirriżulta f' nawżja, rimettar, u dijarea u f' każijiet severi paresteżija, dgħufija tal-muskoli, konfużjoni mentali, anormalitajiet elettrokardjografiċi (mewġiet T kbar u simetriċi), aritmija, imblokk atrioventrikulari u insuffiċjenza tal-qalb. L-iperkalemija hija ta' tħassib partikolari f' pazjenti b' insuffiċjenza tal-kliewi sottostanti. Fil-każ ta' iperkalemija severa, il-pazjenti għandhom jiġu mmonitorjati (l-aktar il-livell tal-potassju fil-plażma u ECG) u għandha tinbeda terapija sintomatika u ta' sostenn xierqa f' unitajiet ta' kura speċjalizzati, fejn ikunu implimentati trattamenti ta' emerġenza li jwasslu għall-eliminazzjoni rapida tal-potassju bħar-reżina ta' skambju joniku, kombinazzjoni ta' insulina-destrożju jew mimetiċi β_2 (salbutamol) jew emodijaliżi.

5. PROPRJETAJIET FARMAKOLOĠIĊI

5.1 Proprjetajiet farmakodinamiċi

Kategorija farmakoterapewtika: supplimenti minerali, potassju, Kodiċi ATC: A12BA30.

Mekkaniżmu ta' azzjoni

Sibnaya huwa kombinazzjoni ta' doża fissa ta' ċitrat tal-potassju u karbonat idroġenat tal-potassju (magħruf ukoll bħala bikarbonat tal-potassju) bħala bçejjec żgħar li jerġu l-mediċina bil-mod. Il-proprjetajiet farmakoloġiċi huma marbutin direttament mal-kapaċità taċ-ċitrat tal-potassju u l-karbonat idroġenat tal-potassju biex iżommu il-bilanċ tal-elettroliti. It-tnejn jaġixxu bħala aġenti alkalizzanti u jaġmlu buffer tal-aċidożi metabolika. Sibnaya jipprovdi sors ta' potassju biex jikkoreġi l-ipokalemija. Barra minn hekk, iċ-ċitrat jaġixxi wkoll bħala aġent kelanti tal-kalċju.

Effetti farmakodinamiċi

Fi studju randomizzat, double-blind, ikkontrollat bi plaċebo, ta' żewġ perjodi, mhux komplut u crossover f' adulti b' saħħithom, Sibnaya f' dożi li jvarjaw minn 1.0 sa 2.9 mEq/kg/jum matul 5 ijiem intwera li jżid il-pH tal-urina (markatur tal-effett alkalizzanti f' individwi b' saħħithom) b' effett proporzjonali għad-doża meta mqabbel ma' plaċebo. L-effett inżamm għal 12-il siegħa fid-dożi kollha li ġew evalwati.

Effikaċja klinika u sigurtà

L-effikaċja u s-sigurtà ta' Sibnaya għat-trattament ta' dRTA ġiet evalwata fi studju multiċentriku, open-label, sekwenzjali li inkluda 37 pazjent b' dijanjożi stabbilita ta' dRTA (7 adulti, 10 adoloxenti (12-17-il sena), 15-il tifel/tifla (4-11-il sena), 5 trabi (1-4 snin)) li kienu qed jiġu ttrattati bl-aġenti alkalizzanti li jaġixxu fuq żmien qasir tal-istandard ta' kura (SoC) taġħhom b' dożi ripetuti kuljum. Il-pazjenti komplew fuq l-SoC taġħhom għal 5 ijiem (n=35) u mbagħad irċew Sibnaya darbtejn kuljum, inizjalment matul perjodu ta' titrazzjoni biex tiġi stabbilita l-aħjar doża (durata sa 30 jum) u mbagħad għal 5 ijiem b' din l-aħjar doża (n=32).

B' Sibnaya, il-punt ta' tmiem primarju wera li l-livell medju (SD) tal-bikarbonat fil-plażma qabel id-doża waqt 3 ijiem ta' trattament fi stat fiss kien ta' 23.1 (1.62) mmol/L b' 90 % (26/29) tal-pazjenti li laħqu l-livelli medji ta' karbonat normali ta' 3 ijiem. Dan l-effett ġeneralment inżamm matul 24 xahar ta' terapija, għalkemm ġiet osservata xi varjabbiltà b' rata tar-risponent ta' 56-92 %. Il-livell medju ta' potassju fil-plażma li nkiseb kien ta' 4.0 (0.44) mmol/L bi 83 % (24/29) tal-pazjenti f' livelli normali.

Bl-SoC, il-livell medju (SD) tal-bikarbonat fil-plażma qabel id-doża waqt 3 ijiem ta' trattament fi stat fiss kien ta' 21.7 (3.06) mmol/L b' 45 % (13/29) tal-pazjenti f' livelli normali. Il-livell medju tal-potassju fil-plażma li nkiseb kien ta' 3.8 (0.44) mmol/L bi 82 % f' livelli normali.

5.2 Tagħrif farmakokinetiku

Sibnaya huwa formulazzjoni ta' b'cejjeċ żgħar li jerfu l-mediċina bil-mod biex ikopri perjodu ta' trattament ta' 12-il siegħa wara l-għoti.

Il-karatteristiċi farmakokinetiċi taċ-ċitrat, tal-bikarbonat u tal-potassju huma bbażati fuq il-letteratura.

Assorbiment

Iċ-ċitrat orali jiġi assorbit b'pH bejn 4.8 u 6.4 fil-parti ta' fuq tal-musrana ż-żgħira (id-duwodenu, l-ewwel parti żgħira tal-jejunum). F'dawn il-kundizzjonijiet, l-assorbiment intestinali taċ-ċitrat huwa rapidu u kważi komplut.

Il-bikarbonat orali jiġi assorbit mill-apparat gastrointestinali. Il-bikarbonat jinnewtralizza l-aċidu gastriku bil-produzzjoni ta' CO₂ eliminat mir-rota respiratorja. Il-bikarbonat mhux involut f'din ir-reazzjoni jiġi assorbit malajr mill-mukoża intestinali.

Il-joni tal-potassju jiġu assorbiti għalkollox, irrispettivament mill-ammont ikkonsmat. Il-maġġoranza tal-assorbiment tal-potassju sseħħ fil-musrana ż-żgħira, prinċipalment permezz ta' diffużjoni passiva.

Distribuzzjoni u bijotrasformazzjoni

Ħafna miċ-ċitrat fid-demem jiċċirkola liberu u l-kumplament li jibqa' jiġi kumpless mal-kalċju, il-potassju jew is-sodju. Il-jon taċ-ċitrat minn ċitratu alkali orali jgħaddi minn tkissir metaboliku ossidattiv għad-dijossidu tal-karbonju (CO₂) jew għall-bikarbonat. B'konsegwenza ta' dan, effett alkalizzanti huwa assoċjat mal-metaboliżmu tiegħu. L-inġestjoni ta' 36 mmol ta' ċitrat (jiġifieri 108 mEq) hija ekwivalenti għal inqas minn 2 % tal-bdil ta' kuljum ta' ċitrat involut fil-metaboliżmu tal-enerġija għewwa l-ġisem.

Il-bikarbonat assorbit jiġi distribwit bħall-bikarbonat endoġenu fil-kompartimenti intraċellulari u ekstraċellulari tal-organiżmu. Il-bikarbonat ma jiġix eżattament metabolizzat. Madankollu, il-bikarbonat huwa f'ekwilibriju mal-joni tal-idroġenu u d-dijossidu tal-karbonju u, permezz tal-konċentrazzjoni tiegħu, jirregola l-bilanċ bejn l-alkali u l-aċidu.

Il-potassju jinġarr minn fluwidi ekstraċellulari għall-fluwidi intraċellulari, u d-distribuzzjoni tiegħu bejn iċ-ċelloli hija kkontrollata b'mod strett, b'1.5–2.5 % biss tal-potassju totali fil-ġisem li jinstab fil-fluwidu ekstraċellulari. Proporzjon kbir tal-piż tal-ġisem tal-potassju (98 %) jinstab fil-muskoli u fl-iskelettu, u huwa preżenti wkoll f'konċentrazzjonijiet għoljin fid-demem, fis-sistema nervuża ċentrali, fl-intestina, fil-fwied, fil-pulmun u fil-ġilda. Sistema attiva ta' trasport tal-joni żżomm il-gradjent fil-membrana tal-plażma.

Eliminazzjoni

Iċ-ċitrat huwa eliminat prinċipalment permezz tar-rota renali. Fil-forma trivalenti tiegħu, jiġi ffiltrat b'mod liberu permezz tal-glomerulus renali. L-assorbiment ta' alkali mid-dieta jżid l-eskrezzjoni taċ-ċitrat billi jinibixxi l-assorbiment mill-ġdid tiegħu fil-livell mitokondrijali u billi jżid is-sekrezzjoni tiegħu min-nefron.

Il-bikarbonat jipprovd i tagħbija ta' alkali u għalhekk jistimula żieda fl-eskrezzjoni urinarja taċ-ċitrat. Isseħħ ukoll żieda fl-eskrezzjoni tal-bikarbonat fl-urina. Il-bikarbonat jista' jiġi eliminat parzjalment mir-rota respiratorja (fil-forma ta' CO₂). Ir-rota eskretorja ewlenija tal-potassju hija mill-kliewi (90 %). Il-bqija jiġi eliminat fl-ippurgar u ammonti żgħar jistgħu jiġu eliminati wkoll fl-għaraq.

Popolazzjoni speċjali

Il-farmakokinetika tal-potassju tista' tiġi modifikata f'pazjenti b'indeboliment tal-kliewi li l-filtrazzjoni glomerulari tal-potassju tagħhom hija anqas attiva, f'pazjenti kardijaċi li juru suxxettibbiltà għal iperkalemija u f'pazjenti adrenokortici li r-riskju tagħhom ta' iperkalemija huwa aċċentwat.

Il-farmakokinetika taċ-ċitrat, il-bikarbonat u/jew il-potassju tista' tiġi modifikata f'pazjenti bi problemi gastrointestinali (eż. assorbiment ħażin, dewmien biex jiġbattal l-istonku, kompressjoni oesofagali, ostruzzjoni intestinali jew mard gastrointestinali kroniku ieħor) li jistgħu jimmodifikaw l-assorbiment.

Il-farmakokinetika m'għandhiex tiġi modifikata f'pazjenti b'indeboliment tal-fwied, jew f'pazjenti b'piż eċċessiv jew obeżità.

Interazzjoni mal-alkoħol

Meta Sibnaya jitħallat mal-alkoħol *in vitro*, ir-rata ta' dissoluzzjoni tal-bċejjeċ żgħar tiżdied u tista' sseħħ malajr u dan iwassal għal telf tal-effett imtawwal (ara sezzjoni 4.2).

5.3 Tagħrif ta' qabel l-użu kliniku dwar is-sigurtà

Tagħrif mhux kliniku ibbażat fuq studji konvenzjonali ta' sigurtà farmakoloġika, effett tossiku minn dożi ripetuti, effett tossiku fuq il-ġeni, riskju ta' kanċer, effett tossiku fuq is-sistema riproduttiva u l-iżvilupp, ma juri l-ebda periklu speċjali għall-bnedmin.

6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

6.1 Lista ta' eċċipjenti

Il-qalba tal-bċejjeċ żgħar

Hypromellose (E464)
Microcrystalline cellulose (E460(i))
Glycerol dibehenate
Magnesium stearate (E470b)
Silica colloidal anhydrous
Magnesium oxide, tqil (E530)

Kisja

Ethylcellulose (E462)
Chlorophyllin (E140 (ii))

Aġent teknoloġiku (fuq bċejjeċ żgħar miksija)

Talk

6.2 Inkompatibbiltajiet

Mhux applikabbli.

6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

4 snin.

6.4 Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna

Taħżinx f'temperatura 'l fuq minn 30 °C.

6.5 In-natura tal-kontenitur u ta' dak li hemm ġo fih

Qartas issiġillat tal-fojl bi tliet saffi (polyethylene terephthalate polyester/aluminju/polietilen b' densità baxxa) li jintuża darba biss.

Sibnaya 8 mEq b'cejjeċ żgħar li jerġu l-mediċina bil-mod

Pakketti ta' 60 qartas.

Pakketti multipli li fihom 120 (2 pakketti ta' 60) qartas.

Pakketti multipli li fihom 180 (3 pakketti ta' 60) qartas.

Pakketti multipli li fihom 240 (4 pakketti ta' 60) qartas.

Pakketti multipli li fihom 300 (5 pakketti ta' 60) qartas.

Pakketti multipli li fihom 360 (6 pakketti ta' 60) qartas.

Sibnaya 24 mEq b'cejjeċ żgħar li jerġu l-mediċina bil-mod

Pakketti ta' 60 qartas.

Pakketti multipli li fihom 120 (2 pakketti ta' 60) qartas.

Pakketti multipli li fihom 180 (3 pakketti ta' 60) qartas.

Pakketti multipli li fihom 240 (4 pakketti ta' 60) qartas.

Pakketti multipli li fihom 300 (5 pakketti ta' 60) qartas.

Pakketti multipli li fihom 360 (6 pakketti ta' 60) qartas.

Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkun fis-suq.

6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi

Wara li tiftaħ il-qartas, armi kull kontenut li ma jkunx intuża.

Kull fdal tal-prodott mediċinali li ma jkunx intuża jew skart li jibqa' wara l-użu tal-prodott għandu jintrema kif jitolbu l-liġijiet lokali.

7. DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

ADVICENNE

262 rue du Faubourg Saint Honoré

75008 Paris

Franza

8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Sibnaya 8 mEq b'cejjeċ żgħar li jerġu l-mediċina bil-mod

EU/1/20/1517/001

EU/1/20/1517/002

EU/1/20/1517/003

EU/1/20/1517/004

EU/1/20/1517/005

EU/1/20/1517/006

Sibnaya 24 mEq b'cejjeċ żgħar li jerġu l-mediċina bil-mod

EU/1/20/1517/007

EU/1/20/1517/008

EU/1/20/1517/009

EU/1/20/1517/010

EU/1/20/1517/011

EU/1/20/1517/012

9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI/TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 30 ta' April 2021

10. DATA TA' REVIŻJONI TAT-TEST

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini <http://www.ema.europa.eu>.

ANNEX II

- A. MANIFATTUR RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT**
- B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU**
- C. KONDIZZJONIJIET U REKWIŻITI OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**
- D. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET FIR-RIGWARD TAL-UŻU SIGUR U EFFETTIV TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

A. MANIFATTUR RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT

Isem u indirizz tal-manifattur(i) responsabbli għall-ħruġ tal-lott

ELAIAPHARM
2881 route des Crêtes
ZI les Bouillides Sophia Antipolis
06560 Valbonne
Franza

B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU

Prodott mediċinali li jingħata bir-riċetta tat-tabib.

C. KONDIZZJONIJIET U REKWIŻITI OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

• Rapporti perjodiċi aġġornati dwar is-sigurtà (PSURs)

Ir-rekwiżiti biex jiġu ppreżentati PSURs għal dan il-prodott mediċinali huma mniżżla fil-lista tad-dati ta' referenza tal-Unjoni (lista EURD) prevista skont l-Artikolu 107c(7) tad-Direttiva 2001/83/KE u kwalunkwe aġġornament sussegwenti ppubblikat fuq il-portal elettroniku Ewropew tal-mediċini.

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq (MAH) għandu jippreżenta l-ewwel PSUR għal dan il-prodott fi żmien 6 xhur mill-awtorizzazzjoni.

D. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET FIR-RIGWARD TAL-UŻU SIGUR U EFFIKAĊI TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

• Pjan tal-ġestjoni tar-riskju (RMP)

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq (MAH) għandu jwettaq l-attivitajiet u l-interventi meħtieġa ta' farmakoviġilanza dettaljati fil-RMP maqbul ippreżentat fil-Modulu 1.8.2 tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u kwalunkwe aġġornament sussegwenti maqbul tal-RMP.

RMP aġġornat għandu jiġi ppreżentat:

- Meta l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini titlob din l-informazzjoni;
- Kull meta s-sistema tal-ġestjoni tar-riskju tiġi modifikata speċjalment minħabba li tasal informazzjoni ġdida li tista' twassal għal bidla sinifikanti fil-profil bejn il-benefiċċju u r-riskju jew minħabba li jintlaħaq għan importanti (farmakoviġilanza jew minimizzazzjoni tar-riskji).

ANNEX III

TIKKETTAR U FULJETT TA' TAGĦRIF

A. TIKKETTAR

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

**KARTUNA TA' BARRA
KAXXA TA' 60 QARTAS**

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Sibnaya 8 mEq bċejjeċ żgħar li jerġu l-mediċina bil-mod
ċitrat tal-potassju / karbonat idroġenat tal-potassju

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)

Kull qartas fih 282 mg ta' ċitrat tal-potassju u 527 mg ta' karbonat idroġenat tal-potassju

3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Bċejjeċ żgħar li jerġu l-mediċina bil-mod.
60 qartas.

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.
Użu orali. Tomgħodx.

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

8. DATA TA' SKADENZA

JIS

9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

Taħżinx f'temperatura 'l fuq minn 30°C.

10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

ADVICENNE, 262 rue du Faubourg Saint Honoré, 75008 Paris, Franza

12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/20/1517/001 60 qratas

13. NUMRU TAL-LOTT

Lott

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

Sibnaya 8 mEq

17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D

barcode 2D li jkollu l-identifikatur uniku inkluż.

18. IDENTIFIKATUR UNIKU - DATA LI TINQARA MILL-BNIEDEM

PC
SN
NN

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

KARTUNA TA' BARRA GĦAL PAKKETT MULTIPLU (BIL-KAXXA L-BLU)

